MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1528/2004

**Alessio Cuschieri**

**Vs**

**Anthony Tabone**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Awissu 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1500 (elf u hames mitt Lira Maltin) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh nhar l-10 ta' Awissu 2002 gewwa B'kara.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-attur qed jitlob lil dan it-Tribunal jikkundanna l-konvenut talli huwa responsabbli ghall-incident li sar fl-10 ta' Awissu 2002 fil-Bye Pass ta' B'Kara, tillikwida d-danni ta' hsarat li graw fil-vettura tal-marka Ford Escort BBB 265, li

jammontaw ghall anqas minn Lm1500 u tikundanna l-konvenut hallas l-ammont hekk likwidati.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes billi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma' gara tort tal-eccipjent u dana kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kollizjoni de quo hija daqqa fuq quddiem ghall-attur, fuq wara l-konvenut. Pero` huwa l-attur li stitwixxa l-proceduri odjerni.

L-attur jallega li kien qed isuq fuq il-karreggjata esterna fi Triq Dun Karm - B'Kara Bypass – il-konvenut hareg minn kantuniera bi *stop sign* – qasam mill-ewwel ghal fuq il-*lane* tieghu, ibbrekja emergenza ma setax jevitah u dahal fih minn wara.

Illi x-xhieda tal-konvenut a Fol 11-12 hija ferm illuminanti. Waqaf, rah 100 pied il-boghod, hareg fuq il-karreggjata ta' gewwa, saq 15 il-metru (50 pied), qaleb fuq ta' barra peress li ma ra xejn warajh, mexa 25 metru (80 pied) u l-attur dahal go fih minn wara.

Jirrizulta li l-konvenut ha riskju inutli u ma kellux ghalfejn jiehdu. *Una volta* li l-attur gia kien fit-triq, kien ghaddej b'certa velocita` u malajr kien jesawrixxi distanza ta' 100 pied. Kien ihallih jghaddi u ma jigri xejn. Mhux hekk izda meta qala' ghal fuq il-*lane* ta' barra, dan ghamlu ghax ma rahx warajh! Mela fejn mar l-attur? Il-konvenut hawn rega' nesa li bil-velocita` ta' tieghu *entro i limiti* permessibbli,

kien ser jintlehaq mill-attur u jekk ma jilhaqx jaqbzu jahbat mieghu zgur. U hekk gara!

Dwar id-danni il-konvenut ghandu ragun jillamenta! Issir kawza fuq somma ta’ Lm 1,500 (elf u hames mitt Lira Maltin) meta l-kontijiet jilhqu biss Lm470 (erba` mija u sebghin Lira Maltin), u l-attur fix-xhieda tieghu jitlob Lm450 (erba` mija u hamsin Lira Maltin). Dwar il-parts ma giex prezentat is-*survey* li juri li kellhom ikunu mhux originali! L-ispejjes tal-*spray / panel beating* baqghet fattura l-ebda ricevuta. Kellhom il-kont ta’ Lm 115 (mija u hmistax-il Lira Maltin) bhala xoghol jista’ jinghad li huma ragjonati; dak tal-*spray* mhux hekk Lm185 (mija u hamsa u tmenin Lira Maltin) kif mitlub huwa hafna; Lm75 (hamsa u sebghin Lira Maltin)  kif allegat mill-konvenut huwa ftit. Tlett partijiet bil-Lm35 (hamsa u tletin Lira Maltin) il-bicca jammontaw ghal Lm105 (mija u hames Liri Maltin). Total ta’ dan jammonta ghal Lm390 (tlett mija u disghin Lira Maltin).

Jiddeciedi billi jiddikjara lil-konvenut unikament responsabbli jillikwida d-danni fl-ammont ta’ Lm390 (tlett mija u disghin Lira Maltin) bl-ispejjes kontra l-konvenut u interessi mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------